31976L0757

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tas-27 ta' Lulju 1976

dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrelataw għar-rifletturi tar-rifless għal vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom

(76/757/KEE).

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([2]),

Billi l-ħtiġiet tekniċi li vetturi bil-mutur għandhom jissodisfaw skond il-liġijiet nazzjonali jirrelataw, inter alia, għar-rifletturi tar-rifless tagħhom;

Billi dawk il-ħtiġiet ivarjaw minn Stat Membru għall-ieħor; billi huwa meħtieġ għaldaqstant li l-Istati Membri kollha jadottaw l-istess ħtiġiet jew b'żieda ma' jew minflok ir-regolamenti eżistenti tagħhom, sabiex, b'mod partikolari, jippermettu li l-proċedura ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE li kienet is-suġġett tad-Direttiva tal-Kunsill Nru 70/156/KEE tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom ([3]), tiġi introdotta fir-rigward ta' kull tip ta' vettura;

Billi, fid-Direttiva 76/756/KEE ([4]), il-Kunsill stipula ħtiġiet komuni għall-istallazzjoni ta' mezzi ta' dawl u ta' sinjalazzjoni bid-dawl fuq vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom;

Billi proċedura ta' l-approvazzjoni tat-tip armonizzata għar-rifletturi tagħmilha possibbli għal kull Stat Membru li jiċċekkja l-konformità mal-ħtiġiet ta' kostruzzjoni u ta' ttestjar komuni u li jinforma lill-Istati Membri l-oħra dwar is-sejbiet tiegħu billi jibgħat kopja taċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip ta' komponent mimli għal kull tip ta' riflettur tar-rifless; billi t-tqegħid ta' marka ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent fuq ir-rifletturi tar-rifless kollha manifatturati f'konformità mat-tip approvat ineħħi kull bżonn għal verifiki tekniċi fuq dawn ir-rifletturi tar-rifless fl-Istati Membri;

Billi huwa mixtieq li jittieħed kont tal-ħtiġiet tekniċi adottati mill-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-NU fir-Regolament tagħha Nru 3 ("Dispożizzjonijiet uniformi għall-approvazzjoni ta' mezzi ta' rifletturi tar-rifless għall-vetturi bil-mutur" ([5]), li hu anness mal-Ftehim ta' l-20 ta' Marzu 1958 li jikkonċerna l-adozzjoni ta' kundizzjonijiet uniformi għall-approvazzjoni u r-rikonoxximent reċiproku ta' mezz u partijiet ta' vetturi bil-mutur;

Billi l-approssimazzjoni tal-liġijiet nazzjonali li jirrelataw ma' vetturi bil-mutur jinvolvi r-rikonoxximent reċiproku mill-Istati Membri tal-verifiki li jkunu saru minn kull wieħed minnhom abbażi tal-ħtiġiet komuni,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Kull Stat Membru għandu jagħti l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent għal kull tip ta' riflettur tar-rifless li jissodisfa l-ħtiġiet ta' kostruzzjoni u testjar stipulati fl-Annessi, 0, I, III, V, VI, VII, VIII, IX, X, XI u XII.

2. L-Istat Membru li jkun ta l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE tal-komponenti għandu jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jivverifika li l-mudelli tal-produzzjoni jikkonformaw mat-tip approvat, safejn dan huwa meħtieġ u jekk hemm bżonn f'koperazzjoni ma' l-awtoritajiet kompetenti fi Stati Membri oħra. Din il-verifika għandha tkun limitata għall-verifiki saltwarji.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom, għal kull tip ta' riflettur tar-rifless li japprovaw skond l-Artikolu 1, joħorġu lill-manifattur, jew lir-rappreżentant awtorizzat tiegħu, marka ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent li tikkonforma mal-mudell muri fl-Anness III.

([1]) ĠU C 55, tat-13.5.1974, p. 14
([2]) ĠU C 109, tad-19.9.1974, p. 26
([3]) ĠU L 42, tat-23.2.1970, p. 1
([4]) Ara p. 1 ta' dan il-ĠU

([5]) Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa, Dokument E/ECE/324 / E/ECE/TRANS/505 } Addendum 2

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha sabiex jipprevenu l-użu ta' marki li jafu joħolqu konfużjoni bejn riflessuri tar-rifless li jkunu ġew approvati skond l-Artikolu 1, u mezzi ieħor.

Artikolu 3

1. L-ebda Stat Membru ma jista' jipprojibixxi t-tqegħid fis-suq ta' rifletturi tar-rifless għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu mal-kostruzzjoni jew il-metodu ta' funzjonament tagħhom jekk dawn għandhom il-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent.

2. Madankollu, Stat Membru jista' jipprojbixxi t-tqegħid fis-suq ta' rifletturi tar-rifless li jkollhom il-marka ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent li b'mod konsistenti jonqsu milli jikkonformaw mat-tip approvat.

Dak l-Istat għandu jinforma minnufih lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bil-miżuri li jittieħdu, u għandu jispeċifika r-raġunijiet li wasslu għad-deċiżjoni tiegħu.

Artikolu 4

L-awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Membru għandhom jibagħtu lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri l-oħra, fi żmien xahar, kopja taċ-ċertifikati ta' l-approvazzjoni tat-tip ta' komponent, li jingħata eżempju tagħhom fl-Anness II, mimlijin għal kull tip ta' riflettur tar-rifless li japprovaw jew li jirrifjutaw li japprovaw.

Artikolu 5

1. Jekk l-Istat Membru li jkun ta l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent isib li numru ta' rifletturi tar-rifless li jkollhom l-istess marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent ma jikkonformawx mat-tip li jkun approva, għandu jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżgura li-l-mudelli tal-produzzjoni jikkonformaw mat-tip approvat. L-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat għandhom javżaw lil dawk ta' l-Istati Membri l-oħra dwar il-miżuri meħuda, li jistgħu, fejn hemm nuqqas ta' konformità b'mod konsistenti, jestendu għall-irtirar ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent. L-awtoritajiet imsemmijin għandhom jieħdu l-istess miżuri jekk huma infurmati mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ieħor dwar dan in-nuqqas ta' konformità.

2. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lil xulxin, fi żmien xahar, dwar kull irtirar ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent, u dwar ir-raġunijiet għal din il-miżura.

Artikolu 6

Kull deċiżjoni meħuda skond id-dispożizzjonijiet adottati fl-implementazzjoni ta' din id-Direttiva, sabiex tiġi rrifjutata jew irtirata approvazzjoni għal riflettur tar-rifless jew li tipprojibixxi t-tqegħid tiegħu fis-suq jew l-użu tiegħu, għandha telenka fid-dettall ir-raġunijiet li fuqhom hija bbażata. Deċiżjoni bħal din għandha tiġi notifikata lill-parti konċernata, li għandu fl-istess ħin ikun infurmat dwar ir-rimedji disponibbli lilu taħt il-liġijiet fis-seħħ fl-Istati Membriu u dwar il-limiti taż-żmien permess għall-eżerċizzju ta' dawn ir-rimedji.

Artikolu 7

L-ebda Stat Membru ma jista' jirrifjuta li jagħti approvazzjoni tat-tip tal-KEE jew approvazzjoni tat-tip nazzjonali ta' vettura għal raġunijiet relatati mar-rifletturi tar-rifless tagħha jekk dawn għandhom il-marka ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent u jekk dawn huma mwaħħlin skond il-ħtiġiet stipulati fid-Direttiva 76/756/KEE.

Artikolu 8

L-ebda Stat Membru ma jista' jirrifjuta jew jipprojbixxi l-bejgħ, ir-reġistrazzjoni, id-dħul fis-servizz jew użu ta' xi vettura għal raġunijiet relatati mar-rifletturi tar-rifless tagħha jekk dawn għandhom il-marka ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent u jekk dawn huma mwaħħlin skond il-ħtiġiet stipulati fid-Direttiva 76/756/KEE.

Artikolu 9

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, "vettura" tfisser kull vettura bil-mutur maħsuba għall-użu fit-triq, bil-karozzerija jew mingħajrha, li għandha mill-inqas erba' roti u veloċità massima ddisinjata ta' aktar minn 25km/siegħa, bl-eċċezzjoni ta' l vetturi li jimxu fuq il-linji, tratturi jew makkinarju għall-agrikoltura, u vetturi tax-xogħlijiet pubbliċi.

Artikolu 10

Kull emenda neċessarja sabiex taġġusta l-ħtiġiet ta' l-Annessi sabiex jieħdu kont tal-progress tekniku għandha tiġi adottata b'mod konformi mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 13 tad-Direttiva 70/156/KEE.

Artikolu 11

1..L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw id-dispożizzjonijiet meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva qabel l-1 ta' Lulju 1977 u għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni minnufih b'dan. Għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Ottubru 1977 l-aktar tard.

2. Ladarba din id-Direttiva tkun ġiet notifikata, l-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li l-Kummissjoni hija infurmata, fi żmien suffiċjenti sabiex tkun tista' tissottometti l-kummenti tagħha dwar kull abbozz ta' liġi, regolament jew dispożizzjoni amministrattiva li huma jipproponu li jddottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 12

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi-Brussel, is-27 ta' Lulju, 1976.

Għall-Kunsill

Il-President

M. van der STOEL

Lista ta' l-Annessi

L-Anness 0 (*)	— definizzjonijiet, konformità tal-produzzjoni, speċifikazzjonijiet ġenerali, speċifikazzjonijiet speċjali
L-Anness I	— Definizzjonijiet ta' termini tekniċi
	— Appendiċi 1: Simboli u unitajiet
	— Appendiċi 2: Simboli
L-Anness II	— Mudell taċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent
Annes III	— Ħtiġiet ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent u ta' l-immarkar
	— Appendiċi: Eżempju tal-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent
(L-Anness IV)	
L-Anness V (*)	— Proċedura tat-test
L-Anness VI (*)	Speċifikazzjonijiet ta' forma u dimensjonijiet
	— Appendiċi: Rifletturi tar-rifless għall-karrijiet – Klassi III
L-Anness VII (*)	— Speċifikazzjonijiet kolorimetriċi
L-Anness VIII (*)	— Speċifikazzjonijiet fotometriċi
L-Anness IX (*)	— Reżistenza għall-aġenti esterni
L-Anness X (*)	— Stabbilità tal-propjetajiet ottiċi maż-żmien
L-Anness XI (*)	— Reżistenza għas-sħana
L-Anness XII	— Żamma tal-kulur
Appendiċi lill-Annessi: Ordni kronoloġika tat-testijiet.	

(*) Il-ħtiġiet tekniċi ta' dan l-Anness huma simili għal dawk tar-Regolament Nru. 3 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa. B'mod partikolari, it-tqassim tas-sezzjonijiet huwa l-istess. Għal din ir-raġuni, fejn sezzjoni tar-Regolament Nru.3 ma għandha ebda kontroparti f'din id-Direttiva, in-numru tagħha jingħata fil-parentesi ġġar-rekord.

L-ANNESS 0

DEFINIZZJONIJIET, KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI, SPEĊIFIKAZZJONIJIET ĠENERALI, SPEĊIFIKAZZJONIJIET SPEĊJALI

(1.)

2. DEFINIZZJONIJIET

2.1. Id-definizzjonijiet tat-termini tekniċi użati f'din id-Direttiva huma mogħtija fl-Anness I.

2.2. Tip ta' riflettur tar-rifless huwa definit mill-mudelli u letteratura deskrittiva sottomessa ma' l-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip ta' komponent tal-KEE. Rifletturi tar-rifless jistgħu jiġu kkunsidrati li jappartjenu għal tip jekk għandhom "unitajiet ottiċi li jirriflettu r-rifless" waħda jew aktar li huma identiċi għal dawk tal-mudell standard ta' dak it-tip, u jekk il-partijiet l-oħra tagħhom jiddiferixxu minn dawk tal-mudell standard f'modi biss li ma jaffettwawx il-proprjetajiet li għalihom tapplika din id-Direttiva.

2.3. Rifletturi tar-rifless huma diviżi f'żewġ klassijiet skond il-karatteristiċi fotometriċi tagħhom: "Klass I" u "Klassi III" (Ara 4.3 ta' l-Anness III).

(3.)

(4.)

5. KONFORMITÀ TAL- PRODUZZJONI

5.1. Kull mezz li fih marka ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent għandu jikkonforma mat-tip approvat taħt dik il-marka. L-awtorità kompetenti li toħroġ il-marka ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent għandu jżomm żewġ kampjuni li flimkien maċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent għandhom iservu sabiex jistabbilixxu jekk ir-rifletturi tar-rifless imqegħdin fuq is-suq li fihom il-makra ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent għandhom jissodisfaw din il-kundizzjoni.

(5.2.)

(5.3.)

6. SPEĊIFIKAZZJONIJIET ĠENERALI

6.1. Rifletturi tar-rifless għandhom ikunu magħmulin b'mod li jiffunzjonaw b'mod sodisfaċenti fil-kundizzjonijiet normali ta' l-użu. B'żieda għal dan, m'għandhom ikollhom ebda difett fid-disinn jew manifattura li huwa detrimentali lill-operazzjoni effiċjenti tagħhom jew li jinżammu f'kundizzjoni tajba.

6.2. Il-komponenti tar-rifletturi tar-rifless m'għandhomx jiżżarmaw faċilment.

6.3. L-unitajiet ottiċi tar-rifletturi tar-rifless m'għandhomx ikunu tat-tip li jistgħu jinbidlu.

6.4. Il-wiċċ ta' barra tar-rifletturi tar-rifless għandu jkun faċli biex jitnaddaf. Għalhekk, m'għandux ikun wiċċ raff. Jista iżda, ikollu protuberanti, sakemm it-tindif jibqa' faċli.

7. SPEĊIFIKAZZJONIJIET SPEĊJALI (TESTIJIET)

7.1. Rifletturi tar-rifless għandhom jissodisfaw ukoll il-kundizzjonijiet bħal ma huma d-dimensjonijiet u forma, u l-ħtiġiet kolorimetriċi, fotometriċi, fiżiċi u mekkaniċi li tqiegħdu fl-Annessi VI sa XII.

7.2. Skond in-natura tal-materjali li minnhom huma magħmulin ir-rifletturi tar-rifless u b'mod partikolari l-unitajiet ottiċi tagħhom, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw lil-laboratorji sabiex ma jagħmlux ċerti testijiet li m'humiex meħtieġa, suġġett għar-riserva espressa li din l-omissjoni għandha tissemma taħt "Rimarki" fuq iċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent.

L-ANNESS I

DEFINIZZJONIJIET TA' TERMINI TEKNIĊI

I.1.I RIFLESSJONI TAR-RIFLESS

"Riflessjoni tar-rifless" tfisser riflessjoni li fiha d-dawl huwa rifless f'direzzjonijiet viċin tad-direzzjoni minn fejn ġie. Din il-proprjetà tinżamm fuq varjazzjonijiet wisgħin ta' l-angolu ta' illuminazzjoni.

I.2. UNITA' OTTIKA LI TIRRIFLETTI R-RIFLESS

"Unità ottika li tirrifletti r-rifless" ifisser il-kumbinazzjoni ta' komponenti ottiċi li jipproduċu riflessjoni tar-rifless.

I.3. RIFLETTUR TAR-RIFLESS

"Riflettur tar-rifless" ifisser mezz użat sabiex jindika l-preżenza ta' vettura permezz tar-riflessjoni ta' dawl hiereġ minn sors ta' dawl mhux imqabbad mal-vettura, l-osservatur ikun jinsab viċin tas-sors.

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, dawn li ġejjin m'humiex ikkunsidrati bħala rifletturi tar-rifless:

— pjanċi tar-reġistrazzjoni retro-rifletturi;

— is-sinjali retro-rifletturi msemmijin fl-ADR;

— pjanċi oħra u sinjali retro-rifletturi li għandhom jintużaw sabiex jikkonformaw ma' l-ispeċifikazzjonijiet ta' Stat Membru għall-użu b'rigward għal ċerti kategoriji ta' vetturi u ċerti metodi ta' operazzjoni.

I.4. WIĊĊ ILLUMINTORJU TA' RIFLETTUR TAR-RIFLESS

"Wiċċ illuminatorju ta' riflettur tar-rifless" ifisser il-wiċċ illuminatorju ta' riflettur tar-rifless fi pjan perpendikolari għall-assi ta' referenza u mdawwar bi pjanijiet li jmissu t-truf ta' barra tal-wiċċ ta' projezzjoni tad-dawl tar-riflettur tar-riflessi u paralleli ma' dan l-assi. Sabiex jiġu determinati l-limiti ta' taħt, ta' fuq u dawk laterali tal-wiċċ luminatorju, għandhom jintużaw biss pjanijiet orizzontali.

I.5. ASSI TA' REFERENZA

"Assi ta' referenza" ifisser l-assi karatteristiċi tas-sinjal bid-dalw, determinat mill-manifattur għall-użu bħala d-direzzjoni ta' referenza (H = 0°, V = 0°) għal tkejjil fotometriku u meta jkun qiegħed jitwaħħal ir-riflettur tar-rifless fuq il-vettura.

I.6. ĊENTRU TA' RIFERENZA

"Ċentru ta' riferenza" ifisser l-intersezzjoni ta' l-assi ta' riferenza mal-wiċċ esterjuri li jarmi d-dawl, speċifikat mill-manifattur tar-riflettur tar-rifless.

I.7. ANGOLU TA' DIVERĠENZA

"Angolu ta' diverġenza" ifisser l-angolu bejn il-linji dritti li jgħaqqdu ċ-ċentru ta' riferenza maċ-ċentru tar-riċevitur u ċ-ċentru tas-sors ta' illuminazzjoni.

I.8. ANGOLU TA' ILLUMINAZZJONI

"Angolu ta' illuminazzjoni" ifisser l-angolu bejn l-assi ta' riferenza u l-linja dritta li tgħaqqad ċ-ċentru ta' riferenza maċ-ċentru tas-sors ta' illuminazzjoni.

I.9. ANGOLU TA' ROTAZZJONI

"Angolu ta' rotazzjoni" ifisser l-angolu li minnu r-riflettur tar-rifless idur fuq l-assi ta' riferenza tiegħu li jibda minn pożizzjoni mogħtija waħda.

I.10. DIJAMETRU ANGULARI TAR-RIFLETTUR TAR-RIFLESS

"Dijametru angulari tar-riflettur tar-rifless" ifisser l-angolu subtended mill-akbar dimensjoni taż-żona viżibbli tal-wiċċ illuminatorju, jew fiċ-ċentru tas-sors ta' illuminazzjoni jew fiċ-ċentru tar-riċevitur.

I.11. ILLUMINAZZJONI TAR-RIFLETTUR TAR-RIFLESS

"Illuminazzjoni tar-riflettur tar-rifless" ifisser l-illuminazzjoni mkejla fi pjan perpendikolari għar-raġġi inċidentali u li jgħaddu miċ-ċentru ta' riferenza.

I.12. KOEFFIĊJENT TA' L-INTENSITÀ LUMINUŻA (KIM)

"Koeffiċjent ta' l-intensità luminuża" ifisser l-intensità luminuża riflessa fid-direzzjoni kunsidrata, diviż mill-illuminazzjoni tar-riflettur tar-rifless għall-angoli ta' illuminazzjoni, diverġenza u rotazzjoni mogħtija.

Appendiċi 1

SIMBOLI U UNITAJIET

A = żona tal-wiċċ illuminatorju tar-riflettur tar-rifless (ċm2)

Ċ = Ċentru ta' riferenza

NĊ = Assi ta' riferenza

Rr = Riċevitur, osservatur jew mezz ta' tikjil.

Ċr = Ċentru tar-riċevitur.

Ør = Dijametru tar-riċevitur Rr jekk ċirulari (ċm).

Se = Sors ta' illuminazzjoni.

Ċs = Ċentru tas-sors ta' illuminazzjoni.

Øs = Dijametru tas-sors ta' illuminazzjoni (ċm).

De = Distanza miċ-ċentru Ċs għaċ-ċentru Ċ (m).

D'e = Distanza miċ-ċentru Ċr għaċ-ċentru Ċ (m).

Notament: De u D'e huma ġeneralment kważi l-istess u f'kundizzjonijiet normali ta' osservazzjoni għandu jkun assunt li De = D'e.

D = Distanza ta' osservazzjoni minn u lil hinn li l-wiċċ luminatorju jidher li huwa kontinwu.

α = Angolu ta' diverġenza.

β= = Angolu ta' illuminazzjoni B'rispett għall-linja ĊsĊ li dejjem hija kkunsidrata li hija orizzontali, dan l-angolu huwa prefiss bis-sinjali –(xellug), +(lemin)_, +(fuq) jew – (isfel), skond il-pożizzjoni tas-sors Se f'relazzjoni ma' l-assi NĊ, kif jidher meta wieħed iħares lejn ir-riflettur tar-rifless.

Għal kull direzzjoni definit minn żewġ angoli, vertikali u orizzontali, l-angolu vertikali huwa dejjem mogħti l-ewwel.

γ = dijametru angulari tat-mezz ta' tikjil Rr kif jidher mill-punt Ċ.

δ = dijametru angulari tas-sors Se kif jidher mill-punt Ċ.

ε = Angolu ta' rotazzjoni. Dan l-angolu huwa posittiv meta r-rotazzjoni hija lejn il-lemin kif jidher meta tħares lejn il-wiċċ illuminatorju.


Jekk ir-riflettur tar-rifless huwa mmarkat "TOP", il-pożizzjoni hekk immarkata hija meqjusa bħala l-oriġini.

E = Illuminazzjoni tar-riflettur tar-rifless (lux).

KIM = Koeffiċjent ta' intensità luminuża (millicandelas/lux). L-angoli huma espressi fi gradi u minuti.

Appendiċi 2

SIMBOLI



Ellevazzjoni

L-ANNESS II

MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TA' APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KEE TA' KOMPONENT

(Format massimu: A4 (210 × 297 mm))

Isem l-amministrazzjoni

Notifika li tikkonċerna l-għoti, ċ-ċaħda, jew l-irtirar ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent jew l-għoti, ċ-ċaħda, jew l-irtirar ta' estensjoni ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent għal tip ta' riflettur tar-rifless.

Numru ta' approvazzjoni tat-tip ta' komponent .....

1. Isem kummerċjali jew *trade mark*.....
2. Isem u indirizz tal-manifattur .....
   .....
3. Jekk applikabbli, isem u indirizz tar-rappreżentant awtorizzat tal-manifattur .....
   .....
4. Sottomess għall-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent f' .....
5. Servizz tekniku li jwettaq it-testijiet ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent .....
6. Data tar-rapport maħruġ minn dak is-servizz .....
7. Numru tar-rapport maħruġ minn dak is-servizz .....
8. Estensjoni ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent: ambra/minħajr kulur (*)
9. Data ta' l-għoti/ċ-ċaħda/l-irtirar ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent (*)
   .....
10. Data ta' l-għoti/ċ-ċaħda/l-irtirar ta' estensjoni ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent (*).....
    .....
11. Approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent waħda mogħtija abbażi ta' 3.3 ta' l-Anness III għal mezz ta' dawl u ta' sinjalazzjoni bid-dawl li jikkonsisti minn ħafna fanali, u b'mod partikolari .....
    .....
    .....
12. Data taċ-ċaħda/l-irtirar ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent waħda (*).....
    .....
13. Post .....
14. Data .....
15. Firma .....
16. Id-dokumenti li ġejjin li għandhom in-numru ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent indikat hawn fuq huma annessi ma' dan.
    .....
    .....
17. Rimarki .....
    .....
    .....

(*) Ħassar fejn ma japplikax.

L-ANNESS III

ĦTIĠIET TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KEE TA' KOMPONENT U TA' L-IMMARKAR

1. APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KEE TA' KOMPONENT

1.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent għandha tiġi sottomessa mill-pussessur ta' l-isem kummerċjali jew *trade mark* jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu.

1.2. Fil-każ ta' kull tip ta' riflettur tar-rifless, l-applikazzjoni għandha tiġi akkumpanjata minn:

1.2.1. deskrizzjoni fil-qosor ta' l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-materjali li jagħmlu l-unità ottika li tirrifletti r-rifless;

1.2.2. disinni (tliet kopji) f'dettal suffiċjenti sabiex jippermettu l-identifikazzjoni tat-tip, li juru b'mod ġeometriku l-pożizzjoni li fiha ser jitwaħħal ir-riflettur tar-rifless mal-vettura. Id-disinni għandhom jindikaw il-pożizzjoni maħsuba tan-numru ta' approvazzjoni tat-tip ta' komponent u s-simbolu addizzjonali f'relazzjoni mar-rettangolu li jdawwar il-marka ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent.

1.2.3. kampjuni tar-riflettur tar-rifless ħomor. In-numru ta' kampjuni li għandu jiġi sottomess huwa indikat fl-Anness V;

1.2.4. possibilment, żewġ kampjuni ambri u/jew mingħajr kulur għas-sitwazzjonijiet fejn l-approvazzjoni tat-tip ta' komponent għandha tiġi estiża simultanjament jew sussegwentement għal mezzi ambri u/jew mingħajr kulur.

2. IMMARKAR

2.1. Rifletturi tar-rifless sottomessi għall-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent għandu jkollhom fuqhom:

— l-isem kummerċjali jew *trade mark* ta' l-applikant, li għandha tkun leġibbli b'mod ċar u li ma tistax titħassar,

— il-marka jew marki "TOP", li tidher/jidhru orizzontalment fin-naħa ta' fuq tal-wiċċ illuminatorju, jekk meħtieġ sabiex jiddetermina mingħajr dubju l-angolu jew angoli ta' rotazzjoni speċifikati mill-manifattur.

2.2. Kull riflettur tar-rifless għandu jkollu spazju suffiċjenti għall-marka ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent. Dan l-ispazju għandu jiġi indikat fuq id-disinni msemmijin f' 1.2.2.

3. APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KEE TA' KOMPONENT

3.1. Jekk il-kampjuni kollha sottomessi b'mod konformi mas-sezzjoni 1 jilħqu l-ħtiġiet tas-sezzjonijiet 6 u 7 ta' l-Anness 0, l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent għandha tingħata u jinħareġ numru ta' approvazzjoni tat-tip ta' komponent.

3.2. Dan in-numru m'għandux jiġi allokat lil xi tip ta' riflettur tar-rifless ieħor ħlief fejn l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent jiġi estiż għal tip ieħor li jiddiferixxi fil-kulur biss.

3.3. Jekk l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent tintalab għal tip ta' mezz tad-dawl u ta' sinjalazzjoni bid-dawl magħmul minn riflettur tar-rifless u fanali oħra, tista' tiġi allokata marka waħda ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent sakemm dak ir-riflettur tar-rifless jikkonforma mal-ħtiġiet ta' din id-Direttiva u li kull wieħed mill-fanali l-oħra li jiffurmaw parti mill--mezz ta' dawl u ta' sinjalazzjoni bid-dawl li għalih hija mitluba l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent, jikkonforma mad-Direttiva speċifika li tapplika għalih.

4. MARKI

4.1. Kull riflettur tar-rifless li jikkonforma ma' tip approvat skond din id-Direttiva għandu jkollu fuqu marka ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent.

4.2. Din il-marka għandha tikkonsisti f'rettangolu mdawwar ma' l-ittra żgħira "e", segwit mill-ittra(i) jew numru distintiv ta' l-Istat Membru li jkun ta l-approvazzjoni tat-tip komponent i.e.:

1 għall-Ġermanja,

2 għal Franza,

3 għall-Italja,

4 għall-Olanda,

6 għall-Belġju,

11 għar-Renju Unit,

13 għal-Lussemburgu,

DK għad-Danimarka,

IRL għall-Irlanda.

Għandu jinkludi wkoll in-numru ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent li jikkorrespondi man-numru taċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent maħruġ għat-tip ta' riflettur tar-rifless in kwistjoni.

4.3. Il-marka ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent għandha tkun supplimentata bis-simbolu addizzjonali li tikkonsisti min-numru ruman I jew III indikattiv tal-klassi li r-riflettur tar-rifless huwa klassifikat fiha meta tingħata l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent.

4.4. In-numru ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent għandu jitqiegħed f'kull pożizzjoni konvenjenti ħdejn ir-rettangolu li jdawwar l-ittra "e".

4.5. Il-marka ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent u s-simbolu addizzjonali għandu jitwaħħal mal-lenti tal-fanal jew waħda mill-lentijiet b'tali mod li ma tistax titħassar u li hija leġibbli b'mod ċar anke meta r-rifletturi tar-rifless huma mwaħħlin fuq il-vettura.

4.6. Eżempju tal-marka ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent tinsab flimkien mas-simbolu addizzjonali muri fl-Appendiċi.

4.7. Fejn jinħareġ numru wieħed ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent, bħal ma hu fit-3.3, għal tip ta' mezz ta' dawl u ta' sinjalazzjoni bid-dawl li jinkludi riflettur tar-rifless u fanali oħra, tista' titwaħħal marka waħda ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent, magħmula minn:

— rettangolu mdawwar ma' l-ittra żgħira "e", segwit mill-ittra(i) u n-numru distintiv ta' l-Istat Membru li jkun ta l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent,

— numru ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent,

— is-simboli addizzjonali meħtieġa mid-Direttivi varji li bihom ingħatat l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent.

4.8. Id-dimensjonijiet tal-komponenti varji ta' din il-marka m'għandhomx ikunu anqas mill-akbar dimensjoni minima speċifikata għall-marki individwali mid-Direttivi varji li bihom ingħatat l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent.

Appendiċi

EŻEMPJU TAL-MARKA TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KEE TA' KOMPONENT




Figura 1




Figura 2




Figura 3

Ir-riflettur tar-rifless li għandu l-marka ta' approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent murija hawn fuq huwa riflettur tal-Klassi I li ngħata l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE fl-Olanda (4) bin-numru 216.

(L-ANNESS IV)

L-ANNESS V

PROĊEDURA TAT-TEST

V.1. L-applikant għandu jissottometti 10 kampjuni għall-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent.

V.2. Wara verifika ta' l-ispeċifikazzjonijiet ġenerali (sezzjoni 6 ta' l-Anness 0) u l-ispeċifikazzjonijiet tal-forma u dimensjonijiet (L-Anness VI), l-10 kampjuni għandhom jiġu eżaminati għall-karatteristiċi kolorometriċi tagħhom (L-Anness VII) u KIM (L-Anness VIII) għall-angolu ta' diverġenza ta' 20' u angolu ta' illuminazzjoni V = H = 0° jew jekk meħtieġ, fil-pożizzjoni definiti f'VIII.4 u VIII.4.1. Iż-żewġ rifletturi tar-rifless li jagħtu l-valuri minimi u massimi għandhom jiġu ttestjati kompletament kif muri f'VIII.3. Dawn iż-żewġ kampjuni għandhom jinżammu mil-laboratorji kif hemm provdut f'5.1 ta' l-Anness 0 għal kull investigazzjoni oħra li tista' tkun meħtieġa. It-tmien kampjuni l-oħra għandhom jinqasmu f'erba' gruppi ta' tnejn:

L-ewwel grupp — Iż-żewġ kampjuni huma soġġetti għat-test ta' penetrazzjoni ta' l-ilma (IX.1) imbagħad, jekk ir-riżultat ta' dan it-test huwa sodisfaċenti, għat-testijiet ta' reżistenza għall-karburanti u lubrikanti tal-makni (IX.3 u IX.4).

It-tieni grupp — Iż-żewġ kampjuni huma, jekk meħtieġ, soġġetti għat-test ta' korrożjoni (IX.2) imbagħad għat-test ta' resistenza fuq in-naħa ta' wara tar-riflettur tar-rifless (IX.5). L-istess żewġ kampjuni imbagħad jiġu soġġetti għat-test ta' sħana (L-Anness XI).

It-tielet grupp — Iż-żewġ kampjuni jiġu soġġetti għat-test ta' stabilità tal-proprjetajiet ottiċi mal-mogħdija taż-żmien (L-Anness X).

Ir-raba' grupp. — Iż-żewġ kampjuni jiġu suġġetti għat-test ta' colour-fastness (L-Anness XII).

V.3. Wara li jkunu għaddew mit-testijiet imsemmija f'V.2, ir-rifletturi tar-rifless f'kull grupp għandu jkollhom:

3.1. kulur li jissodisfa l-kundizzjonijiet imqiegħda fl-Anness VII. Għandhom jiġu verifikati b'metodu kwalitattiv, u, f'każ ta' dubju, konfermati b'metodu kwantitattiv;

3.2. KIM li jissodisfa l-kundizzjonijiet imqiegħda fl-Anness VIII u wara kull test jilħaq mill-inqas 60 % tal-valur miksub minn qabel bl-istess kampjun. It-test għandu jsir biss b'angolu ta' diverġenza ta' 20' u angolu ta' illuminazzjoni ta' V = H = 0° jew, jekk meħtieġ, fil-pożizzjoni definita f'VIII.4 u VIII.4.1.

L-ANNESS VI

SPEĊIFIKAZZJONIJIET TA' FORMA U DIMENSJONIJIET

VI.1. FORMA U DIMENSJONIJIET TA' RIFLETTURI TAR-RIFLESS FI KLASSI I

1.1. L-uċuħ illuminatorji tar-rifletturi tar-rifless fi Klassi I għandhom ikunu kapaċi li jitnaqqxu f'ċirku ta' 200 mm f'dijametru.

1.2. Il-forma ta' l-uċuħ illuminatorji għandhom ikunu sempliċi u ma jitħawdux b'mod faċli ma' ittra, figura jew trijangolu f'distanzi ta' osservazzjoni normali.

1.3. B'eċċezzjoni għal 1.2, forma li tixbaħ l-ittri ifformati b'mod sempliċi jew fil-figuri 0, I, U jew 8 hija permissibbli.

VI.2. FORMA U DIMENSJONIJIET TA' RIFLETTURI TAR-RIFLESS FI KLASSI III

2.1. L-uċuħ illuminatorju tar-rifletturi tar-rifless fi Klassi III għandhom ikollhom il-forma ta' trijangolu ekwilaterali. Jekk il-kelma "TOP" hija mnaqqxa f'angolu wieħed, dan ifisser li dak l-angolu għandu jifforma parti mill-quċċata tat-triangolu.

2.2. Il-wiċċ illuminatorju jista' jew ma jistax ikollu fiċ-ċentru tiegħu żona trijangolari, li ma tirriflettix, li l-ġnub tagħha hija paralleli ma' dawk tat-trijangolu ta' barra.

2.3. Il-wiċċ illuminatorju jista' jew ma jistax ikun kontinwu. F'kull każ, l-iqsar distanza bejn iż-żewġ unitajiet ottiċi li jirriflettu r-rifless maġenb xulxin m'għandhiex tkun akbar minn 15 mm.

2.4. Il-wiċċ illuminatorju ta' riflettur tar-rifless għandu jkun ikkunsidrat li huwa kontinwu jekk it-truf ta' l-uċuħ illumintorji ta' unitajiet ottiċi separati maġenb xulxin huma paralleli u jekk l-imsemmijin unitajiet ottiċi huma mqassma b'mod ugwali fuq il-wiċċ solidu kollu tat-trijangolu.

2.5. Jekk il-wiċċ illuminatorju m'huwiex kontinwu, in-numru ta' unitajiet ottiċi separati li jirriflettu r-rifless m'għandux ikun ta' anqas minn erbgħa fuq kull naħa jekk it-trijangolu jinkludi l-unitajiet tar-rokna.


2.5.1. L-unitajiet ottiċi separati li jirriflettu r-rifless m'għandhomx ikunu jistgħu jinbidlu sakemm ma' jikkonsistux minn rifletturi tar-rifless approvati fil-Klassi I.

2.6. It-truf ta' barra ta' l-uċuħ illuminatorji ta' rifletturi tar-rifless trijangolari fil-Klassi III għandhom ikunu twal bejn 150 u 200 mm. Fil-każ ta' mezzi tat-tip battala, il-wisgħa minima tal-ġnub, imkejjel f'angoli retti magħhom għandha tkun mill-inqas 20 % tat-tul effettiv bejn l-estremitajiet ta' l-uċuħ illuminatorji.

VI.3. Konformita ma' l-ispeċifikazzjonijiet ta' hawn fuq tista' fejn xieraq tkun stabbilita viżwalment.

Appendiċi

RIFLETTURI TAR-RIFLESS GĦALL-KARRIJIET – KLASSI III



Notament: Dawn id-disinni huma mogħtija bħala eżempji.

L-ANNESS VII

SPEĊIFIKAZZJONIJIET KOLORIMETRIĊI

VII.1. Dawn l-ispeċifikazzjonijiet għandhom japplikaw biss għar-rifletturi tar-rifless mingħajr kulur, ħomor jew ambra.

1.1. Rifletturi tar-rifless jistgħu jikkonsistu minn unità u filtru ottiċi li jirriflettu r-rifless, li għandhom ikunu ddisinjati b'tali mod li ma jistgħux jisseparaw f'kundizzjonijiet ta' l-użu.

1.2. L-għoti tal-kulur ta' unitajiet u filtri ottiċi li jirriflettu r-rifless permezz ta' żebgħa jew vernić m'huwiex permess.

VII.2. Meta riflettur tar-rifless huwa lluminat b'illuminant standard CIE A, b'angolu ta' diverġenza ta' 20' u angolu ta' illuminazzjoni V = H = 0°, jew, jekk din tipproduċi riflessjoni fil-wiċċ mingħajr kulur, angolu V = ± 5°, H = 0°, il-koordinati trikromatiċi tal-flux luminuż rifless għandu jkun fil-limiti li ġejjin.

AĦMAR:	limitu lejn l-isfar:	$y \leq 0{\cdot}335$,
	limitu lejn il-vjola:	$z \leq 0{\cdot}008$
AMBRA:	limitu lejn l-isfar:	$y \leq < 0{\cdot}429$,
	limitu lejn l-aħmar:	$y \geq > 0{\cdot}398$,
	Limitu lejn l-abjad:	$z \leq 0{\cdot}007$.

2.1. Fil-każ ta' aħmar u ambra, il-konformità ma' speċifikazzjonijiet kolorimetriċi għandha tiġi verifikata permezz ta' test ta' paragun viżwali.

2.2. Jekk jibqa' xi dubju wara dan it-test, il-konfomità ma' l-ispeċifikazzjonijiet kolorometriċi għandhom jiġu verifikati billi jiġu determinati l-koordinati trikromatiċi ta' l-aktar kampjun dubjuż.

VII.3. Rifletturi tar-rifless mingħajr kulur m'għandhomx jipproduċu riflessjoni selettiva; dan ifisser, il-koordinati trikromatiċi "x" u "y" ta' l-illuminant standard A li jintuża sabiex jillumina r-riflettur tar-rifless m'għandux jgħaddi minn tibdil ta' aktar minn 0.01 wara r-riflessjoni mir-riflettur tar-rifless.

3.1. Dan għandu jiġi verifikat permezz tat-test ta' paragun viżwali indikat f'2.1, il-kamp ta' kontroll jiġi lluminat permezz ta' sors ta' dawl li l-koordinati trikromatiċi tiegħu jiddiferixxi b' 0.01 minn dak ta' l-illuminant standard A.

3.2. F'każ ta' dubju, għandhom jiġu determinati l-koordinati trikromatiċi tal-kampjun bl-akbar riflessjoni selettiva.

L-ANNESS VIII

SPEĊIFIKAZZJONIJIET FOTOMETRIĊI

VIII.1. Meta jkun qiegħed japplika għall-approvazzjoni tat-tip ta' komponent tal-KEE, l-applikant għandu jispeċifika l-assi ta' riferenza. Dan jikkorrespondi ma' l-angolu ta' illuminazzjoni V = H = 0° fil-werrej ta' koeffiċjenti ta' intensità luminuża (KIM)

VIII.2. Għal raġunijiet fotometriċi, il-wiċċ illuminatorju kontenut fi ħdan ċirku ta' dijametru ta' 120mm għal Klassi I biss għandu jiġi kkunsidrat, u l-wiċċ illuminatorju nnifsu għandu jkun limitat għal 100 ċm² għall-Klassi I għalkemm il-wiċċ tal-unitajiet ottiċi li jirriflettu r-rifless mhux meħtieġ neċessarjament li jilħaq din iż-żona. Il-manifattur għandu jispeċifika l-perimetru taż-żona li għandha tintuża. Fil-każ tal-Klassi III, l-uċuħ illuminatorji kollha għandhom jiġu kkunsidrati mingħajr limitazzjoni għad-daqs.

VIII.3. Il-valuri KIM għal rifletturi tar-rifless ħomor m'għandhomx ikunu anqas minn dawk fil-werrej ta' hawn taħt espressi f' millicandelas per lux, għall-angoli ta' diverġenza u illuminazzjoni murija:

Klassi	Angolu ta' diverġenza α	Angoli ta' illuminazzjoni β			
		Vertikali V Orrizontali H	0° 0°	+ u -10° 0°	+ u -5° + u –20°
I	20' 50		1°30' 2·5	100 50	5 2·5
(II)					
III	20' 75		1°30' 3·75	150 75	7·5 3·75

Valuri KIM aktar baxxi minn dawk murija fl-aħħar żewġ kolonni tal-werrej ta' hawn fuq m'humiex permissibbli fi ħdan l-angolu solidu li għandu ċ-ċentru ta' riferenza fil-quċċata tiegħu u mdawwar bil-pjanijiet li jinterċettaw matul il-linji li ġejjin:

V = + u - 10º, H = 0º) (V = + u - 5º, H = + u - 20º)

VIII.4. Meta l-KIM ta' riflettur tar-rifless jitkejjel għal angolu β ta' V = H = 0°, għandu jiġi aċċertat jekk huwiex prodott li effett ta' mera billi l-mezz jiddawar ftit. Jekk hemm xi effett bħal dan, għandu jittieħed qari b'angolu β ta' V = bejn –5 u + 5, H = 0°. Il-pożizzjoni adottata għandha tkun dik li tikkorrispondi mal-KIM minimu għal waħda minn dawn il-pożizzjonijiet.

4.1 B'angolu ta' illuminazzjoni β ta' V = H = O°, jew l-angolu speċifikat f'VIII.4, u angolu ta' diverġenza ta' 20', riflettur tar-rifless li m'humiex immarkati 'TOP' għandhom jiddawru fuq dawn l-assi ta' riferenza sal-pożizzjoni ta' KIM minimu, li għandu jikkonforma mal-valur speċifikat f'VIII.3. Meta l-KIM huwa mkejjel għall-angoli l-oħra kollha ta' illuminazzjoni u diverġenza, r-riflettur tar-rifless għandu jitqiegħed fil-pożizzjoni li tikkorrispondi mal-valur speċifikat ta' l-angolu ta' rotazzjoni ε. Jekk ma jinkisbux il-valuri speċifikati, il-mezz jista' jiddawwar fuq l-assi ta' riferenza tiegħu bejn –5 u + 5° minn dik il-pożizzjoni.

4.2. B'angolu ta' illuminazzjoni β ta' V = H = 0°, jew l-angolu speċifikat f'VIII.4, u angolu ta' diverġenza ta' 20', ir-rifletturi tar-rifless immarkati "TOP" għandhom jiddawru bejn –5 u + 5° fuq l-assi ta' riferenza tagħhom. Il-KIM m'għandux jinżel taħt il-valur preskritt f'ebda pożizzjoni assunta mill-mezz waqt it-tidwir tiegħu.

4.3 Jekk għad-direzzjoni V = H = O°, u għal ε = 0°, il-KIM jaqbeż il-valur speċifikat b'50 % jew aktar, it-tikjil kollu għall-angoli ta' illuminazzjoni u diverġenza kollha għandhom isiru għal ε = 0°.

VIII.5. Sabiex isir it-tikjil meħtieġ, għandu jiġi adottat il-metodu rakkommandat mis-CIE għall-fotometrija ta' rifletturi tar-rifless.

L-ANNESS IX

REŻISTENZA GĦALL- AĠENTI ESTERNI

IX.1. RESISTENZA GĦALL-PENETRAZZJONI TA' L-ILMA

Rifletturi tar-rifless, sew jekk raggruppati jew inkorporati reċiprokament ma' fanal u sew jekk le, għandhom jinħelsu mill-partijiet kollha li jiżżarmaw u jingħaddsu fl-ilma għal 10 minuti f'temperatura ta' 25 ± 5°Ċ, l-ogħla punt tal-parti ta' fuq tal-wiċċ illuminatorju jkun bejn wieħed u ieħor 20 mm taħt il-wiċċ ta' l-ilma. Dan it-test għandu jiġi repetut wara li r-reflettur tar-rifless jiddawwar għal 180°, sabiex il-wiċċ illuminatorju huwa fil-qiegħ u n-naħa ta' wara mgħottija b'bejn wieħed u ieħor 20 mm ilma.

1.1. L-ebda ilma m'għandu jippenetra l-wiċċ riflessiv tal-unità ottika li tirrifletti r-rifless. Jekk spezzjoni tisvela b'mod ċar il-preżenza ta' l-ilma, il-mezz jiġi kkunsidrat li m'għaddiex mit-test.

1.2. Jekk spezzjoni ma tisvelax il-preżenza ta' l-ilma, jew f'każ ta' dubju, il-KIM għandu jitkejjel permezz tal-metodu destkritt f' V.3.2 wara li jitferfer ftit il-mezz li jirrifletti r-rifless sabiex jitneħħa l-ilma żejjed minn barra.

IX.2. REŻISTENZA GĦALL-KORROŻJONI

Mezz li jirrifletti r-rifless għandu jkun iddisinjat b'tali mod li jżomm il-karatteristiċi fotometriċi u kolorometriċi preskritti minkejja l-influwenza ta' umdità u korrożjoni li huma normalment esposti għalihom. Ir-reżistenza tal-wiċċ ta' quddiem għat-tbajja' u dak tal-wiċċ protettiv ta' wara għad-deterjorazzjoni għandhom jiġu ċċekkjati fejn komponent essenzjali tal-metall jidher li huwa suxxettibbli għall-korrożjoni.

Ir-riflettur tar-rifless, meħlus mill-partijiet kollha li jistgħu jitneħħew, jew il-fanalk li magħha huwa raggruppat jew inkorporat reċiprokament ir-riflettur tar-rifless, għandu jiġi suġġett għall-azzjoni ta' ċpar mielaħ għal perijodu ta' 50 siegħa, magħmul minn żewġ perijodi ta' espożizzjoni ta' 24 siegħa l-wieħed, separati b'intervall ta' sagħtejn li fihom il-kampjun jitħalla jinxef.

Iċ-ċpar mielaħ għandu jiġi prodott permezz ta' atomizzazzjoni, f'temperatura ta' 35 ± 2°Ċ, soluzzjoni mielħa miksuba billi jiddewbu 20 + 2 parti skond il-piż sodium chloride fi 80 parti ilma distillat li ma jkunx fih aktar minn 0.02 % impuritajiet.

Minnufih wara li jitlesta t-test, il-kampjun m'għandux juri sinjali ta' korrożżjoni eċċessiva li tista' tfixkel l-effiċjenza tal-mezz.

IX.3. REŻISTENZA GĦALL-KARBURANTI TAL-MAKNA

Il-wiċċ ta' barra tar-riflettur tar-rifless u, b'mod partiklari, tal-wiċċ illuminatorju, għandu jintmesaħ ħafif b'ċarruta tal-qoton imxarrba b'taħlita ta' petrol u benzol (proporzjon 90: 10). Wara xi ħames minuti, l-wiċċ għandu jiġi spezzjonat. M'għandu juri l-ebda bidla viżibbli.

IX.4. REŻISTENZA GĦAŻ-ŻJUT LUBRIKANTI

Il-wiċċ ta' barra tar-riflettur tar-rifless u, b'mod partikolari, l-wiċċ illuminatorju, għandu jintmesaħ ħafif b'ċarruta tal-qoton imxarrba b'żejt lubrikant deterġent. Wara xi ħames minuti, il-wiċċ għandu jitnaddaf. Imbagħad għandu jitkejjel il-KIM (V.3.2.).

IX.5. REŻISTENZA TAL-WIĊĊ TA' WARA AĊĊESSIBBLI TA' RIFLETTI TAR-RIFLESS BID-DAHAR MERA.

In-naħa ta' wara tar-riflettur tar-rifless għandu jitfarfar b'pinzell iebes tan-najlon imbagħad jitgħatta jew jixxarrab sew b'taħlita ta' petrol u benzol (proporzjon 90: 10) għal minuta. It-taħlita għandha imbagħad titneħħa u r-riflettur tar-rifless jitħalla jinxef.

Malli tispiċċa l-evaporazzjoni, għandu jsir test tal-grif billi n-naħa ta' wara jitfarfar bl-istess pinzell tan-najlon li ntuża qabel.

Għandu mbagħad jitkejjel il-KIM (V.3.2) wara li l-wiċċ kollu tan-naħa ta' wara b'dahar mera jkun tgħatta b'linka indjana.

L-ANNESS X

STABBILITÀ TAL-PROPJETAJIET OTTIĊI MAŻ-ŻMIEN

X.1. L-amministrazzjoni li tat l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE tal-komponent tista' tiċċekkja l-istabbilità tal-propjetajiet ottiċi ta' tip ta' riflettur tar-rifless fis-servizz maż-żmien.

X.2. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri altru mill-Istat Membru li fih inġħatat l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent jistgħu jesegwixxu investigazzjonijiet simili fit-territorju tagħhom. Jekk tip ta' riflettur tar-rifless jesponi nuqqas konsistenti li jikkonforma waqt l-użu, għandhom jibagħtu kull parti magħżula għall-ittestjar lill-awtorità li tat l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent, b'talba għall-opinjoni tagħha.

X.3. Fl-assenza ta' kriterja oħra, il-kunċett ta' "nuqqas konsistenti li jikkonforma" ta' tip ta' riflettur tar-rifless waqt l-użu għandu jiġi interpretat b'mod konformi ma' 6.1 ta' l-Anness 0.

L-ANNESS XI

REŻISTENZA GĦAS-SĦANA

XI.1. Ir-riflettur tar-rifless għandu jinżamm għal perijodu ta' 12-il siegħa f'atmosfera xotta f'temperatura ta' 65 ± 2°Ċ.

XI.2. Wara dan it-test, l-ebda qsim jew tgħawwiġ apprezzabbli tar-riflettur tar-rifless, u b'mod partikolari, fl-unitajiet ottiċi tiegħu m'għandu jkun viżibbli.

XI.3. Il-karatteristiċi kolorometriċi u fotometriċi għandhom jiġu ċċekkjati b'mod konformi ma' V.3.1 u V.3.2.

L-ANNESS XII

ŻAMMA TAL-KULUR

XII.1. L-awtorità li tat l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE tal-komponent tista' tiċċekkja ż-żamma tal-kulur ta' tip ta' riflettur tar-rifless fis-servizz.

XII.2. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri altru mill-Istat Membru li fih ingħatat l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent jistgħu jesegwixxu investigazzjonijiet simili fit-territorju tagħhom. Jekk tip ta' riflettur tar-rifless jesponi nuqqas konsistenti li jikkonforma waqt l-użu, għandhom jibagħtu kull parti magħżula għall-ittestjar lill-amministrazzjoni li tat l-approvazzjoni tat-tip tal-KEE ta' komponent, b'talba għall-opinjoni tagħha.

XII.3. Fl-assenza ta' kriterji oħra, il-kunċett ta' "nuqqas konsistenti li jikkonforma" ta' tip ta' riflettur tar-rifless waqt l-użu għandu jiġi interpretat b'mod konformi ma' 6.1 ta' l-Anness 0.

Appendiċi lill-Annessi

ORDNI KRONOLOĠIKA TAT-TESTIJIET

Sezzjoni	Test	Kampjuni									
		a	b	ċ	d	e	f	g	h	i	j
0.6	Speċifikazzjonijiet ġenerali	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
VI.	Forom u dimensjonijiet: eżaminijiet viżwali	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
VII.	Kolorometrija: eżami viżwali	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
	koordinati trikromatiċi f'każ ta' dubju										
VIII.	Fotometrija: limitat għal 20' u V = H = 0°	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X
VIII.3.	Komplut			X	X						
IX.1.	Ilma: 10 minuti f'pożizzjoni normali							X	X		
	10 minuti f'pożizzjoni maqluba							X	X		
	eżami viżwali							X	X		
V.3.1.	Kolorometrija: eżami viżwali							X	X		
	koordinati trikromatiċi f'każ ta' dubju							X	X		
V.3.2.	Fotometrija: limitat għal 20' u V = H = 0°							X	X		
IX.3.	Karburanti tal-makna: ħames minuti							X	X		
	Eżami viżwali							X	X		
IX.4.	Żjut: ħames minuti							X	X		
	eżami viżwali							X	X		
V.3.1.	Kolorometrija: eżami viżwali							X	X		
	Koordinati trikromatiċi f'każ ta' dubju							X	X		
V.3.2.	Fotometrija: limitat għal 20' u V = H = 0°							X	X		
IX.2.	Korrożjoni: 24 siegħa					X	X				
	intervall ta' sagħtejn					X	X				
	24 siegħa					X	X				
	eżami viżwali					X	X				
IX.5.	Naħa ta' wara: minuta					X	X				
	eżami viżwali					X	X				
XI.	Sħana: 12-il siegħa f'temperatura ta' 65 ± 2°Ċ					X	X				
	eżami viżwali għat-tagħwiġ					X	X				
V.3.1.	Kolorometrija: eżami viżwali					X	X				
	koordinati trikromatiċi f'każ ta' dubju					X	X				
V.3.2.	Fotometrija: limitat għal 20' u V = H = 0°					X	X				
X.	Stabbilità ta' propjetajiet ottiċi maż-żmien										
V.3.1.	Kolorometrija: eżamijiet viżwali jew koordinati trikromatiċi										
v.3.2.	Fotometrija: limitat għal 20' u V = H = 0°										
XII.	Żamma tal-kulur										
V.3.1.	Kolorometrija: eżami viżwali jew koordinati trikromatiċi										
V.3.2.	Fotometrija: limitat għal 20' u V = H = 0°										
0.5.1.	Depożitu ta' kampjuni ma' l-amministrazzjoni			X	X						